# MILL-QIEGH TA' L-IMGHODDI

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

Bil-ħarsa ta' waħda li daqet il-ħajja
Sabiħa, mimlija bil-ġenn taż-żgħużija,
Bil-bewsa f'xuftejha, b'qiegħ qalbha f'idejha,
Bil-warda tal-ħena f'ħaddejha,
Hekk rajtha quddiemi
Il-mara tad-dnub.

Mitluf wara seħer li jqarraq,
Ma ntbaħtx f'liema triq kont għaddej,
Fittixt, imma għalxejn, id-dawl safi,
Id-dawl ta' l-imħabba, Mulej.

Fost mirja li jlellxu ta' ġmiel u ta' frugħa,
Fis-sakra tal-bluha,
Imxejt b'għamad kbir fuq għajnejja:
Ħassejt
L-id mielsa tas-snin minn fuq xagħri għaddejja,
U naqset u mietet il-ġibda
Għall-mara tad-dnub.

Mitluf wara seħer li jqarraq,
Ma ntbaħtx f'liema triq kont għaddej,
Fittixt, imma għalxejn, id-dawl safi,
Id-dawl ta' l-imħabba, Mulej.

Rajtha tintrema fil-qżież u fil-ħama,
Rajtha tintefa', ferrieħa, fit-tajn,
Rajtha titkażbar ġo baħar ta' ħtija,
Rajtha tintelaq, bla ġieħ, mas-saqajn,
U tagħti lid-dinja,
Lid-dinja qarrieqa,
Il-ħlas ta' ħtijietha,
Il-prezz ta' dnubietha,
Il-mara tad-dnub.

Mitluf wara seħer li jqarraq,
Ma ntbaħtx f'liema triq kont għaddej,
Fittixt, imma għalxejn, id-dawl safi,
Id-dawl ta' l-imħabba, Mulej.

U qbadt triq oħra, it-triq
Fejn l-hena u s-sliem jiżżewġu.
Ġarrabt il-paċi ta' ġo dar imbierka,
U rajt id-daħk u l-ferħ imewġu
Mill-għajnejn sbieħ ta' wlied u omm henjin.
Din hi l-ħajja li ridt,
Mhux dik li wegħedtni int,
Mara tad-dnub.

Mitluf wara seħer li jqarraq,
Ma ntbaħtx f'liema triq kont għaddej,
Fittixt, fl-aħħar sibt, id-dawl safi,
Id-dawl ta' l-imħabba, Mulej.